MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 391/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Adrian Busuttil**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra Adrian Busuttil talli bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att, naqas sal-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żminijet ta' taxxa relattivi li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (1) id-denunzja, flimkien mal-ħlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi ta' taxxa li ntemmu fil-31 ta' Ottubru 2009, u dan bi ksur tal-artikolu

27, artikolu 66, u artikolu 76(c) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, tordna lill-imsemmi Adrian Busuttil jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien biżżejjed biex ikun jista’ jaghmel dan, liema żmien m’għandux jeċċedi tliet xhur, taħt multa ta’ mhux inqas minn erba’ euro u ħamsa u sittin ċenteżmu u mhux iktar minn tlieta u għoxrin euro għal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jgħaddi l-imsemmi żmien mogħti mill-Qorti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 27, 66 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Adrian Busuttil ħati ta’ l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta’ seba’ mitt euro (€700.00). Inoltre, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 76 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ 1-1998 ordnat li l-istess Adrian Busuttil sabiex fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata jikkonforma ruħu mal-liġi u fin-nuqqas jeħel multa oħra ta’ hmistax-il euro (€15.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Adrian Busuttil ippreżentat fis-7 ta’ Ottubru 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant Adrian Busuttil jispjega l-aggravju tiegħu hekk: Biex jissussisti r-reat in kwistjoni hemm bżonn kemm l-att materjali kif ukoll l-intenzjoni li jwettaq reat b’mod volontarju. F’dan il-każ l-att materjali huwa att ta’ ommissjoni, dak li mad-denunzji tal-VAT naqas jagħmel il-pagamenti opportuni. Dan in-nuqqas, pero`, wettqu għax kien fl-impossibilita` li jagħmel mod ieħor. Huwa kellu azzjonijiet legali minn sid il-proprjeta` fejn kien jopera

bħala *sprayer*. Ġie żgumbrat minn dan il-*garage*, għandu kawżi għall-arretrati ta' kera u mandati ta' sekwestru fuq il-banek kollha u fuq il-paga, u anke mandat ta' qbid fuq għodda u vetturi. Li kieku ma kellux dawn il-proċeduri kollha kontra tiegħu kien ikun kapaċi jħallas l-ammonti ta' VAT kollha f'daqqa iżda sakemm jinqatgħu dawk il-proċeduri ġudizzjarji se jibqa' fl-impossibilita` li jħallas. Ipprova jasal fi ftehim mad-Dipartiment tal-VAT biex iħallas permezz ta' pagamenti mensili u saħansitra pprova jissellef mill-Bank mingħajr suċċess. L-appellant isostni illi l-ewwel Qorti kellha tapplika l-massima legali *nemo ad impossibilia tenetur*.

**6.** F'din il-kawża l-appellant qiegħed jiġi akkużat illi ma bagħatx id-denunzja relattiva bil-ħlas dovut fit-terminu stipulat mil-ligi. Mix-xiehda ta' Connie Azzopardi, *senior principal* fil-*Legal Section* tad-Dipartiment tal-VAT jirriżulta li d-denunzja relattiva għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Ottubru 2009 daħlet mingħajr pagament fis-6 ta' Ottubru 2010. Dan ifisser illi mhux biss ma sarx il-pagament opportun mill-appellant iżda saħansitra li d-denunzja ġiet ippreżentat tardivament. Difatti l-perijodu li fih trid tiddaħħal id-denunzja huwa "sal-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara l-aħħar jum li fih intemm ż-żmien ta' taxxa relattiv", u dan skond l-artikolu 27(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt il-*letter to prosecute* nħareġ mid-Dipartiment tal-VAT fil-5 ta' Settembru 2010, ċioe` qabel ma ġiet ippreżentata d-denunzja msemmija.

**7.** Fil-mori ta' l-appell, kif jirriżulta mix-xiehda ta' George Camilleri, sar il-ħlas dovut. L-appellant iżda jsostni illi hu ma setax iħallas qabel peress illi kellu kawża fuq kirja ta' garaxx u kellu sekwestru fuq il-paga u fuq il-flus li kellu fil-banek, kif ukoll fuq somma li kien ħa. Kellu wkoll xi għodda maqbuda. Huwa seta' jħallas issa peress illi l-kawża nqatgħet u kull ma jonqos kontro-mandat fuq il-flus tal-banek.

**8.** Issa, bħalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Gauci** mogħtija fl-24 ta' Jannar 2013, **"[f]ilwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi illi d-difiża ta' mpossibilta` hija**

**rikonoxxuta fis-sistema ġuridika tagħna, bħala regola ġenerali din id-difiża tista' tiġi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx poġġa ruħu volontarjament fl-impossibilta` fiżika illi jottempera ruħu mal-liġi. Quindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' "self inflected impossibility" din id-difiża ma tistax treġġi."**

**9.** Din il-Qorti tapprezza illi l-appellant sab ruħu f'sitwazzjoni forsi prekarja fejn minħabba azzjoni legali istitwita minn terzi ma kellux aċċess għal-likwidita` li kellu bżonn. Fl-istess ħin, dak li kellu jħallas lid-Dipartiment tal-VAT kien flus li huwa kien diġa` ġabar fuq perijodu ta' żmien u, jekk diġa` kellu s-sekwestri maħruġa kontra tiegħu, kellu l-obbligu li jżomm in disparte dawk il-flus hekk kif jiġborhom sabiex ikun jista' jeffettwa l-pagament opportun lid-Dipartiment. Konsegwentement id-difiża *nemo ad impossibilia tenetur* ma tistax tiġi milqugħa. Fi kwalunkwe każ, kif diga` ngħad, id-denunzji kienu tardivi u għalhekk xorta kien hemm il-ksur tal-liġi.

**10.** Naturalment, in vista tal-fatt illi fil-mori ta' l-appell sar il-pagament dovut, l-ordni biex l-appellant jikkonforma ruħu mal-liġi sejjer jiġi revokat. Il-multa trid tibqa' invarjata peress illi hi fil-minimu stabbilit mil-liġi u l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u l-Att dwar il-*Probation* ma japplikawx dwar xi sejbien ta' ħtija taħt il-Kap. 406 (art. 83(4) tal-Kap. 406).

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-Att Nru. XXIII ta' 1-1998 ordnat li l-appellant Adrian Busuttil fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata jikkonforma ruħu mal-liġi u fin-nuqqas jeħel multa oħra ta' hmistax-il euro (€15.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------